Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2024/4331 15.7.2024

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Ġunju 2024 – Hofstede Insights vs EUIPO – Geert Hofstede (HOFSTEDE INSIGHTS)**

**(Kawża T-429/23)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea hofstede insights – Trade mark verbali preċedenti nazzjonali u isem kummerċjali preċedenti nazzjonali HOFSTEDE INSIGHTS – Isem kummerċjali preċedenti nazzjonali u isem soċjali preċedenti nazzjonali Hofstede Insights – Isem kummerċjali preċedenti nazzjonali u isem soċjali preċedenti nazzjonali Hofstede Insights Group – Isem tad-dominju 'hofstede-insights.com' – Isem tad-dominju 'hofstede-insights.net' – Raġuni relattiva għal rifjut – Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Raġunijiet superfluwi – Motiv ineffettiv")***

(C/2024/4331)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrent:* Hofstede Insights Oy (Ħelsinki, il-Finlandja) (rappreżentant: A. Sevillano Orbegozo, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Stoyanova-Valchanova, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Geert Hofstede BV (Velp, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: L. van der Veer, avukat)

## Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-28 ta' April 2023 (Każ R 2128/2022-5).

## Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.
2) Hofstede Insights Oy hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti minn Geert Hofstede BV.
3) L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

---

([1]) ĠU C 321, 11.9.2023.